TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 26/14-F

**Sylvio Ellul**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 29 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn, u disgħa w erbgħin ewro (€249), rappreżentanti *mobile phone* li ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi f'Diċembru 2011, huwa kien xtara *mobile phone* mingħand is-soċjeta' ntimata u wara li ħadu għat-tiswija u ġabu lura, reġa' bl-istess problema. Reġa' ttieħed għand is-soċjeta' ntimata sabiex jerġa' jissewwa u dam għat-tiswija tliet xhur u nofs. Għat-tielet darba reġgħet żviluppatlu l-ħsara u reġa' ħadu sabiex jissewwa.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-*mobile phone* sar użu ħażin minnu u għalhekk mhux lesti li jħallsu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u spezzjona l-*mobile phone*, jinnota illi kull ma kien hemm huma *light scratches* u li dan il-*mobile phone* vera kellu l-problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888